



Dokument ta' sessjoni

A8-0146/2016

25.4.2016

RAPPORT

bi proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar il-71 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2016/2020(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Andrey Kovatchev

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW LILL-KUNSILL.....	3
PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI LILL-KUNSILL B8-1374/2015	16
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP.....	19
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	22

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW LILL-KUNSILL

dwar il-71 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2016/2020(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill dwar il-71 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti magħmula minn Andrey Kovatchev, f'isem il-Grupp PPE (B8-1374/2015),
- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikoli 21, 34 u 36 tiegħu,
- wara li kkunsidra s-70 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2015 dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-70 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU,
- wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-konvenzjonijiet tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-protokollu fakultattivi tagħhom,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fix-xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti¹, li tagħti d-dritt lill-UE biex tintervjeni fl-Assemblea Ġenerali tan-NU, tippreżenta propositi u emendi orali li jitressqu għall-votazzjoni fuq talba ta' Stat Membru, u teżerċita d-dritt ta' replika,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar l-10 Anniversarju tar-Risoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà²,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tat-18 ta' April 2013 dwar il-prinċipju tan-NU tar-"responsabbiltà ta' protezzjoni" (R2P)³,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tat-2 ta' April 2014 dwar id-69 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti⁴,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2015 dwar ir-rwol tal-UE

¹ A/RES/65/276 tat-3 ta' Mejju 2011.

² Testi adottati, P7_TA(2010)0439.

³ ĠU C 45, 5.2.2016, p. 89.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2014)0259.

- fin-NU - kif jistgħu jintlaħqu aħjar l-oġettivi tal-UE fil-qasam tal-politika barranija¹,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-sessjonijiet tal-UNHRC fl-2016² u tas-17 ta' Lulju 2014 dwar id-delitt ta' aggressjoni³,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2016 dwar il-qtil tal-massa sistematiku ta' minoranzi reliġjużi mill-hekk imsejjaħ 'ISIS/Da'esh'⁴,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2016 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa rifuġjati u li jfittxu l-asil fl-UE⁵,
 - wara li kkunsidra l-ftehim ta' Pariġi tat-12 ta' Diċembru 2015,
 - wara li kkunsidra d-dokumenti tal-14 ta' Ġunju 2012 "Plan of Action to enhance EU CSDP support to UN peacekeeping" (Pjan ta' Azzjoni biex jissaħħaħ is-sostenn PSDK tal-UE favur l-operazzjonijiet taż-żamma tal-paċi tan-NU) u tat-23 ta' Marzu 2015 "Strengthening the UN-EU Strategic Partnership on Peacekeeping and Crisis Management: Priorities 2015-2018" (Tisħiħ tas-Sħubija Strateġika NU-UE dwar iż-Żamma tal-Paċi u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet): il-prijoritajiet 2015-2018)⁶,
 - wara li kkunsidra l-Linji Gwida ta' Oslo dwar l-użu tal-mezzi militari u tal-protezzjoni ċivili fl-ambitu ta' interventi internazzjonali f'każ ta' diżastri ta' Novembru 2007,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni 1325(2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u r-risoluzzjoni 2242(2015) reċenti tal-Kunsill tas-Sigurtà dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà,
 - wara li kkunsidra r-Rapport ta' Evalwazzjoni tan-NU tal-15 ta' Mejju 2015 intitolat "Enforcement and Remedial Assistance Efforts for Sexual Exploitation and Abuse by the United Nations and Related Personnel in Peacekeeping Operations" (Infurzar u Sforzi Korrettivi ta' Assistenza għall-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali min-Nazzjonijiet Uniti u Persunal Relatat fl-Operazzjonijiet taż-Żamma tal-Paċi),
 - wara li kkunsidra l-ewwel rapport tan-NU dwar ir-reżistenza antibijotika maħruġ mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) f'April 2014 li jikkwalifika lir-reżistenza antimikrobika bħala "theddida serja" għas-saħħa pubblika dinjija,
 - wara li kkunsidra r-rivelazzjonijiet reċenti dwar l-attivitajiet tad-ditta legali Mossack Fonseca b'sede fil-Panama u l-inizjattivi relatati għal kooperazzjoni internazzjonali aktar stretta għall-ġlieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 134(3) u 113 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-

¹ Testi adottati, P8_TA(2015)0403.

² Testi adottati, P8_TA(2016)0020.

³ Testi adottati, P8_TA(2014)0013.

⁴ Testi adottati, P8_TA(2016)0051.

⁵ Testi adottati, P8_TA(2016)0073.

⁶ EEAS(2015)458, dokument tal-Kunsill 7632/15.

Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0146/2016),

- A. billi l-impenn tal-UE favur multilateraliżmu effikaċi u governanza globali tajba, bin-NU fil-qalba tiegħu, huwa parti integrali mill-politika esterna tal-UE u għandu l-għeruq tiegħu fil-konvinzjoni li sistema multilaterali bbażata fuq regoli u valuri universali, li trid tkun rispettata u difiża, hija l-aktar adatta biex jiġu indirizzati l-kriżijiet, l-isfidi u t-theddid globali;
- B. billi l-UE għandu jkollha sehem proattiv fil-bini ta' Nazzjonijiet Uniti li jistgħu jikkontribwixxu b'mod attiv għas-soluzzjonijiet globali, għall-paċi u s-sigurtà, għall-iżvilupp, għad-drittijiet tal-bniedem, għad-demokrazija u għall-ordni internazzjonali bbażat fuq l-istat tad-dritt;
- C. billi l-Istati Membri tal-UE jeħtieġu jagħmlu kull sforz biex jikkoordinaw azzjonijiethom fl-organi u fil-korpi tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti skont il-mandat li jinsab fl-Artikolu 34(1) tat-TUE;
- D. billi qiegħed ikun hemm deterjorament rapidu u żieda fil-komplessità tal-kuntest ta' sigurtà fil-livell dinji u reġjonali u d-distinzjoni bejn sigurtà interna u esterna qiegħda ssir inqas ċara; billi n-NU jiżvolġu rwol fundamentali fil-garanzija ta' stabbiltà u sigurtà fil-livell dinji;
- E. billi huwa neċessarju li jsir rieżami bir-reqqa tal-istrumenti għal multilateraliżmu effikaċi fl-ambitu tan-NU, b'segwitu għall-bidliet f'termini ta' diffużjoni u konfigurazzjoni tal-poter fl-livell dinji; billi dawn l-istrumenti jeħtieġ li jinvolvu aktar lill-partijiet interessati, kemm statali kif ukoll mhux statali, anki fil-proċessi ta' prevenzjoni tal-kunflitti u ta' ġestjoni tal-kriżijiet;
- F. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha b'mod kollettiv huma l-akbar kontributori finanzjarji għas-sistema tan-NU, billi jipprovdu madwar terz tal-baġit regolari tan-NU, kważi żewġ kwinti tal-baġit għaż-żamma tal-paċi tan-NU, u madwar nofs il-kontribuzzjonijiet kollha għall-fondi u l-programmi tan-NU;
- G. billi l-UE taħdem favur is-sostenibilità ambjentali, speċjalment fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima permezz tal-promozzjoni ta' miżuri u azzjonijiet internazzjonali intenzi li jippreservaw u jtejbu l-kwalità tal-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali;
- H. billi l-UE hija waħda mill-aktar difensuri u promoturi dedikati tad-drittijiet tal-bniedem, tal-libertajiet fundamentali, tal-valuri u d-diversità kulturali, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt;
- I. billi l-ambjent ta' sigurtà tal-UE huwa dejjem aktar instabbli u volatili minħabba l-għadd kbir ta' sfidi, li ilhom jeżistu żmien twil jew li nibtu dan l-aħħar, fosthom il-kunflitti vjolenti, it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, il-flussi migratorji mingħajr preċedent u t-tibdil fil-klima, li huma impossibbli li jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali u reġjonali, u li jeħtieġu risposti globali;
- J. billi l-isfidi l-ġodda, inklużi l-gwerra ibrida u tal-informazzjoni, it-theddid informatiku, il-bijoinġinerija, is-sistemi ta' armament awtonomi letali, in-nanoteknoloġiji, il-minjaturizzazzjoni tal-armi u l-proliferazzjoni ta' teknoloġiji b'użu doppju, jirrikjedu l-

elaborazzjoni ta' ftehimiet multilaterali, li għalihom in-NU jirrappreżentaw l-organizzazzjoni l-aktar adatta;

- K. billi l-iżviluppi reċenti fil-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u tal-mezzi ta' tagħhom qegħdin jagħmlu l-kontroll tal-armamenti u d-diżarm dejjem aktar diffiċli u qegħdin jimminaw l-istabilità u s-sigurtà globali; billi n-Nazzjonijiet Uniti jirrappreżentaw struttura adatta għall-promozzjoni ta' miżuri ġodda ta' diżarm u kontroll tal-armamenti, id f'id ma' sħab li jaqsmu l-istess prinċipji;
1. Jindirizza dawn ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill:

Paċi u sigurtà

- (a) jieħu azzjonijiet biex jiggarantixxi li l-partijiet kollha involuti direttament jew indirettament fil-kunflitti armati u l-organizzazzjonijiet ta' tagħhom jirrispettaw bis-siħ l-obbligi internazzjonali u l-istandards tad-dritt internazzjonali u jimpenjaw ruħhom biex isibu soluzzjoni paċifika u diplomatika għal kwalunkwe tip ta' kunflitt; iħeġġeġ li dawn l-obbligi u l-impenji jinkludu wkoll l-obbligu li jingħata aċċess għall-għajnuna umanitarja lil min ikun fil-bżonn;
- (b) ikompli t-tentattivi ta' appoġġ multilaterali biex jinstabu soluzzjonijiet politiċi u paċifiċi dejjiema għall-kunflitti li għaddejjin fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq; ikompli s-sostenn għall-ħidma tal-Mibgħut Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għas-Sirja, tar-Rappreżentant Speċjali u Kap tal-Missjoni ta' Appoġġ tan-NU fil-Libja, tal-Mibgħut Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-Jemen, tal-Koordinatur Speċjali tan-NU għall-Proċess ta' Paċi tal-Lvant Nofsani u tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għas-Sahara tal-Punent; jappella għal għajnuna umanitarja, finanzjarja u politika kontinwa min-naħa tal-komunità internazzjonali biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni umanitarja, u jaħdem favur il-waqfien immedjat tal-vjolenza; jikkundanna l-azzjonijiet unilaterali u mhux koordinati fi kwalunkwe żona ta' kriżi,
- (c) isostni t-taħditiet bejn il-partijiet Sirjani li huma gwidati mir-riżoluzzjoni 2254(2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; isostni l-ħidma tat-task forces maħluqa mill-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ għas-Sirja li qegħdin jissorveljaw il-konsenja tal-għajnuna umanitarja tant bżonjuża lil eluf ta' Sirjani f'żoni assedjati u f'żoni oħra diffiċli li jintlaħqu, kif ukoll il-waqfien tal-ostilitajiet approvat mir-riżoluzzjoni 2268(2016) tal-Kunsill tas-Sigurtà; jikkundanna bil-qawwa l-abbużi mifruxa tad-drittijiet tal-bniedem u l-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali fis-Sirja u jappoġġa l-ħidma tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jiddokumentaw evidenza ta' delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem; jissottolinja l-bżonn li tinstab soluzzjoni politika għall-kunflitt u jiggarantixxi l-inklużjoni tan-nisa fit-taħditiet ta' paċi; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha tan-NU jagħmlu disponibbli r-riżorsi finanzjarji u umani kollha neċessarji biex jgħinu lill-popolazzjoni lokali u lir-rifuġjati;
- (d) jaċċerta li l-Assemblea Ġenerali tan-NU tforni, b'kooperazzjoni mal-UE u mal-Istati Uniti tal-Amerka, l-istrumenti kollha biex jiġi żgurat li soluzzjoni ta' żewġ Stati abbażi tal-fruntieri tal-1967, li tipprevedi lil Ġerusalem bħala l-kapitali taż-żewġ Stati, bi Stat ta' Iżrael sikur, bi fruntieri sikuri u rikonoxxuti, u Stat tal-

Palestina indipendenti, demokratiku, kontigwu u fattibbli, li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u s-sigurtà, tkun waħda sostenibbli u effikaċi; jaġixxi konformement mal-konklużjonijiet tal-Proċess ta' Paċi tal-Lvant Nofsani adottati fit-18 ta' Jannar 2016, li jqisu l-espansjoni kontinwa tal-insedjamenti bħala ostaklu kostanti għall-paċi;

- (e) jissottolinja l-ħtieġa ta' azzjoni umanitarja koordinata taħt it-tmexxija tan-NU fil-Jemen; iħeġġeġ lill-partijiet kollha biex jippermettu d-dħul u t-twassil ta' ikel, mediċini, fjuwil u assistenza oħra meħtieġa b'mod urġenti permezz ta' kanali tan-NU u umanitarji internazzjonali sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet urġenti taċ-ċivili milquta mill-kriżi, b'konformità mal-prinċipji ta' imparzjalità, newtralità u indipendenza; jappella għal pawża umanitarja sabiex għajjnuna li tista' ssalva l-ħajjiet titħalla tasal għand il-poplu Jemenit b'mod urġenti; jappella għal investigazzjoni imparzjali u indipendenti dwar il-ksur allegat tad-dritt internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, inklużi l-aħħar attackki mmirati fuq infrastruttura u persunal umanitarji; jappella lill-partijiet kollha jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet taċ-ċittadini Jemeniti kollha, u jenfasizza l-importanza li titjieb is-sigurtà ta' dawk kollha li jaħdmu f'missjonijiet ta' paċi u umanitarji fil-pajjiż, inklużi ħaddiema umanitarji, tobba u ġurnalisti; jinkoraġġixxi politika ta' avviċinament bejn l-Arabja Sawdija u l-Iran ħalli jittaffew it-tensjonijiet reġjonali u biex titwitta t-triq lejn ir-risoluzzjoni tal-kunflitt fil-Jemen u fi bnadi oħrajn;
- (f) ikompli jappella għar-rispett totali tal-fruntieri rikonoxxuti fuq livell internazzjonali u tal-integrità territorjali tal-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant u tal-Kawkasu tan-Nofsinhar, fosthom il-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna, fid-dawl tal-ksur tad-dritt internazzjonali f'dawn l-inhawwi, kif ukoll għall-għażla ħielsa u sovrana tagħhom li jimxu fit-triq Ewropea; isostni u jintensifika l-isforzi diplomatiċi għal riżoluzzjoni paċifika ta' dawn il-kunflitti li għaddejjin u dawk iffriżati; iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali timplimenta bis-sħiħ il-politika tan-nonrikonoxximent tal-annessjoni illegali tal-Krimea; iżid attivament il-persjoni fuq ir-Russja, inkwantu membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, bil-għan li tinstab riżoluzzjoni tal-kunflitt fl-Ukrajna;
- (g) jappella għal aktar appoġġ għall-isforzi tal-komunità internazzjonali u l-organizzazzjonijiet reġjonali biex jiġu ġestiti l-kriżijiet tas-sigurtà fil-kontinent Afrikan, b'mod partikolari fis-Somalja, fis-Sudan, fis-Sudan t'Isfel, fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, fil-Mali, fin-Niġerja u fil-Burundi fir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar inġenerali; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri tan-NU jintensifikaw is-sostenn għar-rwol dejjem akbar u għall-kapaċitajiet proprji tal-Unjoni Afrikana fil-medjazzjoni u fil-ġestjoni tal-kriżijiet filwaqt li fl-istess ħin taġixxi f'isem il-komplementarjetà mal-azzjonijiet tal-Uffiċċju ta' Appoġġ għall-Konsolidament tal-Paċi tan-NU; isostni l-isforzi użati mill-UA, mill-Komunità tal-Afrika tal-Lvant u min-NU biex jiġi evitat l-aggravar ulterjuri tal-kriżi fil-Burundi u jaħdem favur il-promozzjoni ta' djalogu urġenti, inklużiv u ġenwin internament għall-Burundi bejn il-gvern u l-oppożizzjoni; isostni r-rikors għal inkjesta indipendenti u internazzjonali li qiegħda tinvestiga kwalunkwe ksur allegat tad-drittijiet tal-bniedem u jikkontribwixxi biex dawk responsabbli jwieġbu għal għemilhom u jitressqu quddiem il-ġustizzja;

- (h) isostni l-isforzi komprensivi li għaddejnin biex jissaħħu l-operazzjonijiet ta' paċi tan-NU u l-kapaċità tal-organizzazzjoni li tittratta l-kunflitti; jeżamina opportunitajiet ġodda u jinkoraġġixxi kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE u n-NU fil-kuntest tar-riforma tal-viżjonijiet strateġiċi tagħhom dwar is-sigurtà, permezz, fuq naħa, tal-Istrateġija Globali tal-UE dwar il-Politika Barranija u ta' Sigurtà u, fuq in-naħa l-oħra, ir-reviżjoni tal-operazzjonijiet tal-paċi tan-NU, l-arkitettura taż-żamma tal-paċi u l-aġenda dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà tan-NU (riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà) u s-sinerġiji bejniethom; jiżgura li l-proċess ta' rieżami tal-arkitettura tan-NU għall-konsolidament tal-paċi jippromwovi l-prinċipju tar-Responsabilità ta' Protezzjoni u r-rwol tan-nisa fil-konsolidament tal-paċi;
- (i) jilqa' favorevolment l-adozzjoni u jsostni l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni 2242 reċenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li tpoġġi lin-nisa bħala komponent ċentrali f'kull sforz biex jiġu indirizzati l-isfidi globali, u jappella għal aktar sforzi biex tiġi integrata l-aġenda dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà fid-dimensjonijiet differenti kollha taż-żamma tal-paċi; jisħaq fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni ndaqs, sħiħa u attiva tan-nisa fil-prevenzjoni u fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u fin-negozjati ta' paċi kif ukoll fil-proċess tal-konsolidament tal-paċi; jiżgura li tingħata l-assistenza medika sikura kollha neċessarja lill-vittmi nisa tal-istupri tal-gwerra;
- (j) jippromwovi kultura ta' prevenzjoni fi ħdan is-sistema tan-NU bil-għan li l-kapaċità tagħha titjieb ħalli twieġeb aktar malajr għall-kriżijiet emerġenti u għat-theddid potenzjali għall-paċi u s-sigurtà, partikolarment permezz tad-diplomazija preventiva effikaċi, tat-tisħiħ tal-fiduċja u tal-isforzi ta' medjazzjoni; jistinka biex isaħħaħ is-sistemi ta' twissija bikrija u ta' komunikazzjoni bikrija u jkompli jiżviluppa l-proċeduri għall-konsultazzjoni f'każ ta' kriżi bejn in-NU, l-UE u l-organizzazzjonijiet sottoreġjonali l-oħra, li jiżvolġu rwol importanti fil-paċi u s-sigurtà internazzjonali, bil-għan li jkun hemm koordinament aħjar tar-risposti tagħhom għall-kriżijiet, u tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn; jikkoopera man-NU fit-tisħiħ tar-rwol u tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet reġjonali u sottoreġjonali fiż-żamma tal-paċi, fil-prevenzjoni tal-kunflitti, fil-ġestjoni tal-kriżijiet ċivili u militari u fir-riżoluzzjoni ta' kunflitti;
- (k) iżid is-sostenn min-naħa tal-Istati Membri favur l-operazzjonijiet ta' żamma u ta' konsolidament tal-paċi tan-NU li jinkludu komponent marbut mad-drittijiet tal-bniedem u strateġiji ta' ħruġ ċari, partikolarment billi jikkontribwixxu b'persunal u b'taġmhir, u jżid ir-rwol ta' faċilitatur tal-UE f'dan ir-rigward; jiżviluppa ulterjorment il-proċeduri għall-użu tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-UE bħala sostenn għall-operazzjonijiet tan-NU, anki permezz tal-istazzjonament ta' gruppi tattiki tal-UE jew bis-saħħa tal-inizjattivi ta' bini tal-kapaċitajiet u ta' riforma tas-settur tas-sigurtà, filwaqt li jagħti biżżejjed attenzjoni lill-kwistjonijiet bħad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u l-kawżi profondi tal-migrazzjoni tal-massa;
- (l) jippromwovi definizzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' sigurtà umana, biex toqrob aktar lejn l-ugwaljanza tal-ġeneru u d-drittijiet tal-bniedem, u l-prinċipju tar-responsabilità ta' protezzjoni (R2P) u jkompli jsostni l-isforzi biex tkompli l-operazzjonalizzazzjoni tal-R2P; isostni lin-NU biex ikomplu jiżvolġu rwol kritiku

fl-assistenza lill-pajjiżi fl-implimentazzjoni tal-R2P, bil-għan li jiġi difiż l-istat tad-dritt kif ukoll id-dirtt umanitarju internazzjonali; jippromwovi l-Kodiċi ta' Kondotta rigward il-Kunsill tas-Sigurtà kontra l-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità jew id-delitti tal-gwerra, b'hekk l-Istati Membri tan-NU jimpenjaw ruħhom li jsostnu l-azzjoni li jieħu l-Kunsill tas-Sigurtà mmirata biex tipprevjeni jew ittemm tali delitti u ma jivvotawx kontra riżoluzzjoni korrispondenti tal-Kunsill tas-Sigurtà;

Ġlieda kontra t-terroriżmu

- (m) itenni l-kundanna inekwivokabbli tiegħu tat-terroriżmu u l-appoġġ sħiħ tiegħu favur azzjonijiet immirati biex jingħelbu u jinqerdu l-organizzazzjonijiet terroristiċi, b'mod partikolari, l-hekk imsejjaħ "ISIS/Daesh", li jikkostitwixxu theddida ċara għas-sigurtà reġjonali u internazzjonali, filwaqt li jifakkar li dawn l-azzjonijiet għandhom jirrispettaw dejjem bis-sħiħ id-dritt internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; isostni l-promozzjoni tal-aspetti kollha tar-riżoluzzjoni 2178(2014) tal-Kunsill tas-Sigurtà dwar il-ġlieda kontra t-theddid rappreżentat mill-ġellieda terroristi barranin u tal-Prinċipji Gwida ta' Madrid biex jitwaqqaf il-fluss tal-ġellieda terroristi barranin;
- (n) jintensifika l-isforzi bl-iskop li jirreprimi r-reklutaġġ u jikkumbatti l-propaganda terroristika li ssir permezz tal-pjattaformi tal-midja soċjali u mix-xbieki ta' predikaturi tal-mibegħda radikalizzati; isostni politiki ta' kontroradikalizzazzjoni u deradikalizzazzjoni b'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tan-NU għall-Prevenzjoni tal-Estremiżmu Vjolenti;
- (o) ikompli jaħdem man-NU fil-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż l-użu tal-mekkaniżmi eżistenti maħsuba biex jidentifikaw l-individwi u l-organizzazzjonijiet terroristiċi u jsaħħu l-mekkaniżmi tal-iffriżar tal-assi fid-dinja kollha u fl-istess ħin jiddefendu l-istandards internazzjonali fil-qasam tal-proċess ġust u tal-istat tad-dritt;
- (p) iforni sostenn lit-Task Force tan-NU għall-Implimentazzjoni tal-Miżuri kontra t-Terroriżmu bil-għan li jiġu garantiti koordinament u koerenza fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tan-NU kontra t-Terroriżmu, bl-użu tar-riżorsi u tal-kompetenzi ta' 25 entità tas-sistema tan-NU u tal-Interpol, filwaqt li jifakkar dejjem li l-ġlieda kontra t-terroriżmu ma tistax tintuża bħala pretest għar-repressjoni tad-dissens intern jew għall-ksur tad-drittijiet tal-popolazzjoni;
- (q) jippromwovi azzjoni internazzjonali koordinata biex tingħeleb it-theddid ta' dejjem akbar rappreżentata mill-apparati esplożivi improvviżati (IED), partikolarment permezz tal-fehim aktar fil-fond tar-rabta bejn il-ġlieda kontra l-apparati esplożivi improvviżati u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, bl-użu tar-riżorsi u tal-kompetenzi tal-entitajiet tas-sistema tan-NU u tal-Interpol għal finijiet ta' eżekuzzjoni aktar effikaċi tal-liġi u ta' kooperazzjoni militari usa';
- (r) itenni, f'dan il-kuntest, in-neċessità ta' kombinazzjoni adegwata ta' sigurtà, eżekuzzjoni tal-liġi, drittijiet tal-bniedem u strumenti soċjoekonomiċi, li toffri soluzzjonijiet aktar idonei biex tiġi affrontata n-natura li qiegħda tinbidel tat-terroriżmu u tal-estremiżmu vjolenti rappreżentat minn organizzazzjonijiet bħal

Daesh, al-Qaeda, Al-Shabaab, Boko Haram u oħrajn;

- (s) isostni kontribut akbar tal-UE fl-inizjattivi ta' żvilupp tal-kapaċitajiet tan-NU fil-ġlieda kontra l-ġellieda barranin u kontra l-estremiżmu vjolenti;

Nonproliferazzjoni u diżarm

- (t) isostni l-isforzi tan-NU biex jipprevjenu atturi mhux statali u gruppi terroristiċi milli jiżviluppaw, jimmanifatturaw, jakkwistaw jew jittrasferixxu armi ta' qerda massiva u l-mezzi tagħhom u jikkontribwixxu għal rieżami komprensiv tar-riżoluzzjoni 1540 tal-Kunsill tas-Sigurtà fl-2016; jinsisti fuq il-konformità sħiħa mat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP), mal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi u mal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u fuq il-konklużjoni tal-proċess ta' ratifika tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri tan-NU jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-projbizzjoni tal-użu, il-ħażna, il-produzzjoni u t-trasferiment ta' mini kontra l-persunal u dwar il-qerda tagħhom; jilqa' pożittivament il-ħolqien ta' grupp ta' ħidma miftuħ, bħala entità sussidjarja tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, bil-għan li jġib 'il quddiem in-negozjati multilaterali dwar id-diżarm nukleari, u li l-Istati Membri kollha tal-UE jieħdu sehem attiv fil-proċeduri tiegħu; jitlob lill-Membri tan-NU jieħdu miżuri attivi favur id-diżarm globali, u jieħdu kont dovut kemm tad-dimensjoni tas-sigurtà kif ukoll tad-dimensjonijiet umanitarji tal-armi nukleari;
- (u) jippromwovi l-implimentazzjoni sħiħa tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT) u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri kollha tan-NU biex jiffirmaw jew jaderixxu mat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi;
- (v) jaħdem favur azzjoni aktar effikaċi kontra d-devjazżjoni u l-kummerċ illeċitu ta' armi u munizzjon, inklużi armi ħfief u ta' kalibru żgħir, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' sistema ta' rintraċċar tal-armi;
- (w) jippromwovi risposta politika fuq livell globali dwar l-użu ta' drones armati, li jkollha l-għan li żżomm l-użu tagħhom strettament fi hdn il-limiti tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; jippromwovi projbizzjoni tal-iżvilupp, il-produzzjoni u l-użu ta' armi kompletament awtonomi li jippermettu li jsiru attakki mingħajr intervent uman; jaċċerta li d-drittijiet tal-bniedem jiġu inklużi fid-djalogi kollha li jsiru mal-pajjiżi terzi dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu;
- (x) ikompli jsostni l-isforzi li għaddejjin min-naħa tan-NU f'dak li huwa l-eżami tal-iżvilupp ta' normi għal imġiba responsabbli u sikura fiċ-ċyberspazju, inkluż qafas multilaterali kontra ċ-ċiberattakki, bil-għan li tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali u tad-dritt fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

Migrazzjoni

- (y) jippromwovi sostenn akbar għall-ħidma tal-UNHCR fl-implimentazzjoni tal-mandat internazzjonali tiegħu għall-protezzjoni tar-rifuġjati, b'attenzjoni partikolari għall-gruppi vulnerabbli bħan-nisa u t-tfal; jevidenzja d-distakk wiesa'

ta' finanzjament bejn il-ħtiġijiet baġtarji tal-UNHCR u l-fondi rċevuti u jitlob solidarjetà globali akbar; jitlob li jiżdied il-baġit ordinarju tan-NU biex jiġu ffinanzjati l-funzjonijiet prinċipali tal-UNHCR bil-għan li jiġi salvagwardjat il-funzjonament tiegħu;

- (z) ifakkar li l-koerenza u l-koordinament imsaħħa huma meħtieġa bejn id-dimensjonijiet esterni u interni tal-politika dwar il-migrazzjoni u l-aġendi tal-iżvilupp u l-affarijiet esterni;
- (aa) jitlob li jsiru sforzi akbar biex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari u jiġi miġġieled id-dħul klandestin ta' persuni u t-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari billi jiġu miġġielda n-netwerks kriminali permezz ta' skambju f'waqtu u effikaċi ta' informazzjoni rilevanti ta' intelligence filwaqt li jiġi rispettata id-dritt internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; itejjeb il-metodi għall-identifikazzjoni u l-protezzjoni tal-vittmi u għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi bil-għan li jiġi rintraċċat, sekwestrat u rkuprat ir-rikavat tal-attivitajiet kriminali f'dan is-settur; jinsisti fil-livell tan-NU fuq l-importanza tar-ratifika u tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni tan-NU Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali u l-Protokoll dwar id-Dħul Klandestin ta' Migranti fuq l-Art, bil-Baħar u bl-Ajru u l-Protokoll għall-Prevenzjoni, Soppresjoni u Punizzjoni tat-Traffikar ta' Persuni, speċjalment ta' Nisa u Tfal; isostni l-ħidma tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti;
- (ab) isostni l-laqgħa plenarja ta' livell għoli tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar l-indirizzar ta' movimenti kbar ta' rifuġjati u migranti, skedata għad-19 ta' Settembru 2016, u jitlob li hija tikkonċentra fuq il-kawżi profondi tal-migrazzjoni, b'attenzjoni dovuta għall-qerda tal-faqar u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istabilità;

Drittijiet tal-bniedem, demokrazija u stat tad-dritt

- (ac) jenfasizza b'mod ċar u bis-saħħa li d-drittijiet tal-bniedem kollha miftiehma fl-ambitu tal-konvenzjonijiet tan-NU huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati u li r-rispett ta' dawn id-drittijiet irid jiġi infurzat; jiġbed l-attenzjoni għall-ksur u għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha; jappella għad-difiża tal-libertajiet ta' opinjoni u ta' espressjoni; jisħaq fuq l-importanza ta' stampa ħielsa f'soċjetà sana, u r-rwol ta' kull ċittadin f'din tal-aħħar, u tad-difiża tal-libertajiet ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda;
- (ad) ikompli jiddefendi l-libertà ta' reliġjon jew twemmin; iħeġġeġ li jsiru sforzi akbar biex jiħarsu d-drittijiet tal-minoranzi reliġjużi u oħrajn; jitlob protezzjoni akbar tal-minoranzi reliġjużi kontra l-persekuzzjonijiet u l-vjolenza; jappella għar-revoka tal-liġijiet li jikkriminalizzaw il-blasfemija jew l-apostasija li jintużaw bħala pretest għall-persekuzzjoni tal-minoranzi reliġjużi u ta' dawk li ma jemmnux; isostni l-ħidma tar-Rapporteur Speċjali għal-libertà ta' reliġjon jew twemmin; iħabbrek b'mod attiv għar-rikonossiment min-naħa tan-NU tal-ġenoċidju kontra l-minoranzi kommess mill-hekk imsejjaħ ISIS/Daesh, kif ukoll għar-riferiment għand il-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) ta' każijiet ta' suspetti ta' delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u ġenoċidju;

- (ae) ikompli jippromwovi attivament l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; iħeġġeġ lin-NU jsostnu attivament l-inizjattivi ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-attivitajiet u fil-programmi u jkomplu jsostnu l-ħidma tal-UN Women; isostni l-miżuri intiżi li jsaħħu r-rwol ta' tmexxija u l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet; jiġġieled kontra l-vjolenza u d-diskriminazzjoni kontra individwi abbażi tal-orjentament sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom; jappella għar-revoka tal-leġiżlazzjoni fl-Istati Membri tan-NU li hija fi ksur tad-drittijiet tal-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI); jilqa' favorevolment l-ewwel laqgħa tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar id-drittijiet tal-LGBTI fl-2015; jappella lill-Istati Membri tan-NU jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-forom kontemporanji ta' razziżmu, diskriminazzjoni razzjali, ksenofobija u intolleranza relatata;
- (af) jippromwovi d-drittijiet tat-tfal, partikolarment billi jikkontribwixxi biex jiġi żgurat li t-tfal ikollhom aċċess għall-ilma, għas-sanità, għall-kura tas-saħħa u għall-edukazzjoni, anki f'żoni ta' kunflitt u fil-kampijiet tar-rifuġjati, u biex jiġi eliminat it-tħaddim tat-tfal, it-tortura, it-traffikar, iż-żwieġ ta' minorenni u l-isfruttament sesswali; isostni u jsaħħaħ l-isforzi internazzjonali, bis-saħħa tan-NU, sabiex jieqaf l-użu tat-tfal fil-kunflitti armati, kif ukoll sabiex jiġi affrontat b'mod aktar effikaċi l-impatt tas-sitwazzjonijiet ta' kunflitt u postkunflitt fuq in-nisa u l-bniet; isostni approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem rigward id-diżabilità f'sitwazzjonijiet ta' riskju u emerġenza, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità;
- (ag) iħeġġeġ lill-Istati kollha, inklużi l-Istati Membri tal-UE, jirratifikaw malajr il-protokoll fakultattiv tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali li jistabbilixxi l-mekkaniżmi ta' lment u inkjesta;
- (ah) jikkontribwixxi għall-eżitu pożittiv tal-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Intergovernattiv dwar il-kumpaniji transnazzjonali u l-impriżi l-oħra fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem; isostni aktar l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem min-naħa tal-Istati Membri tan-NU; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri tan-NU jiżviluppaw u jimplementaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali; isostni l-Proġett ta' Responsabilità u Rimedju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem immirat biex isaħħaħ ir-rimedji fid-dritt nazzjonali, partikolarment fil-każijiet ta' abbużi maġġuri tad-drittijiet tal-bniedem fis-settur tal-impriżi; jistieden lill-Istati Membri tan-NU jqajmu l-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem mal-entitajiet sportivi internazzjonali u nazzjonali;
- (ai) ikompli jiddefendi t-tolleranza zero rigward il-piena tal-mewt u jkompli jaħdem favur l-abolizzjoni universali tagħha, u jwitti t-triq għall-adozzjoni tar-riżoluzzjoni li jmiss tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt; jiddenunzja ż-żieda fis-sentenzi ta' mewt li nġhataw għal delitti relatati mad-drogi u jappella għall-esklużjoni tal-użu tal-piena kapitali għal tali delitti;
- (aj) ifakkar fl-obbligu tal-Assemblea Ġenerali, meta teleġġi l-membri tal-Kunsill tan-NU tad-Drittijiet tal-Bniedem (UNHRC), li tqis ir-rispett tal-promozzjoni u tal-

protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tal-istat tad-dritt u tad-demokrazija min-naħa tal-kandidati; jappella għall-istabbiliment ta' kriterji ċari bbażati fuq ir-riżultati fl-ambitu tad-drittijiet tal-bniedem biex kandidat isir membru tal-UNHRC, u, fl-okkażjoni tal-għaxar anniversarju tal-UNHRC, jappella għal valutazzjoni tal-metodi ta' ħidma tal-Kunsill u tal-impatt tiegħu;

- (ak) isaħħaħ il-ħidma tal-QKI fir-rwol tagħha biex tintemm l-impunità għal min jikkommetti l-aktar delitti gravi li jolqtu l-komunità internazzjonali, li tagħmel ġustizzja mal-vittmi ta' delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità u ta' ġenoċidju; jagħti sostenn politiku, diplomatiku, finanzjarju u loġistiku għall-operat ta' kuljum tal-QKI; jistieden lill-Istati Membri tan-NU jaderixxu mal-Qorti billi jirratifikaw l-Istatut ta' Ruma u jinkoraġġixxi r-ratifika tal-emendi ta' Kampala; irawwem kooperazzjoni b'saħħitha mal-Qorti min-naħa tan-NU u l-organi u l-aġenziji tagħhom kif ukoll l-espansjoni tar-relazzjoni tagħha mal-Kunsill tas-Sigurtà; jappella għal riferiment, min-naħa tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea quddiem l-QKI;
- (al) jimpenja ruħu f'dibattitu pubbliku u komprensiv mal-membri kollha tal-Assemblea Ġenerali tan-NU bil-għan li jiddiskuti dwar l-importanza tar-rispett tal-limiti kostituzzjonali tal-mandati presidenzjali fid-dinja kollha;
- (am) jistieden lin-NU jimlew il-lakuni ġuridiċi tat-terminu "rifuġjat minħabba l-klima", inkluża l-eventwali definizzjoni internazzjonali;

Żvilupp

- (an) jaħdem favur l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli; iħabbrek għat-titjib tal-ħajja tal-ġenerazzjonijiet futuri u jinkoraġġixxi u jsostni lill-pajjiżi biex jieħdu s-sjeda u jistabbilixxu oqfsa nazzjonali biex jintlaħqu s-17-il għan; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri tan-NU jonoraw l-impenji tagħhom fir-rigward tal-infiq għall-għajnuna għall-iżvilupp u jappella għall-adozzjoni ta' qafas sod ta' indikaturi u l-użu tad-data statistika biex timmonitorja l-progress u tiżgura l-obbligu ta' rendikont ta' kulħadd; jinsisti li l-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli jmissu jsir l-korp deċiżjonali ewlieni kompetenti għall-garanzija ta' segwitu u rieżami tal-implimentazzjoni tal-SDGs u jippreżenta pożizzjoni komuni tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 qabel il-Forum Politiku ta' Livell Għoli fl-2016;
- (ao) jinsisti fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-koerenza politika għall-iżvilupp fi ħdan l-istrutturi ta' ħidma tan-NU sabiex ikun hemm integrazzjoni effikaċi tad-dimensjonijiet kollha tal-iżvilupp sostenibbli; jissottolinja l-importanza ta' sistema kummerċjali multilaterali universali, ibbażata fuq regoli, miftuħa, trasparenti, nondiskriminatorja, inklużiva u ekwa u l-ħtieġa ta' realizzazzjoni tal-konklużjoni taċ-Ċiklu ta' Doha għall-Iżvilupp tad-WTO; ifakkar li l-iżvilupp mhuwiex possibbli mingħajr il-paċi, u lanqas il-paċi mingħajr l-iżvilupp, u jisħaq fuq l-importanza tal-SDG nru 16 dwar il-paċi, il-ġustizzja u l-governanza, li għandu jkun waħda mill-prijoritajiet fil-finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp; jappella lin-NU jintegraw b'mod sistematiku l-bini tal-kapaċitajiet u tal-governanza tajba fl-istrateġiji tal-iżvilupp fit-tul tagħhom;

- (ap) jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni, min-naħa tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, tar-riżoluzzjoni storika nru 68/304 tad-9 ta' Settembru 2014, li tirrikonoxxi d-dritt sovrani ta' kull Stat li jirristruttura d-dejn sovrani tiegħu, li ma għandux ikun imxekkel jew ostakolat minn kwalunkwe miżura li toħroġ minn Stat ieħor u innotat bi tħassib li s-sistema finanzjarja internazzjonali ma għandhiex qafas ġuridiku b'saħħtu għar-ristrukturar ordinarju u prevedibbli tad-dejn sovrani u li nediet proċess għall-adozzjoni ta' qafas ġuridiku multilaterali għall-proċessi ta' ristrutturar tad-dejn sovrani; jappella lis-sistema tan-NU tappoġġa dan il-proċess bis-sħiħ; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipparteċipaw b'mod attiv f'dan il-proċess.
- (aq) jiżviluppa approċċ ħafna aktar strateġiku u effiċjenti fil-konfront tal-aġenziji tan-NU, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-programmazzjoni tal-istrumenti finanzjarji esterni bil-għan li tiġi żgurata viżibilità akbar tal-għajnuna tal-UE fil-post;
- (ar) jintervjeni attivament biex titjeb il-governanza politika fl-ambitu tal-iżvilupp sostenibbli permezz tat-tisħiħ tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), u jilqa' l-proposta biex tiġi stabbilita Qorti Kriminali Internazzjonali għar-reati ambjentali bil-għan li tiġi rispettata l-leġiżlazzjoni ambjentali b'mod aktar effikaċi fid-dinja kollha;
- (as) jaħdem favur it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fiskali internazzjonali, billi jagħti appoġġ għall-ħolqien ta' korp fiskali internazzjonali fi ħdan is-sistema tan-NU; jiġġieled l-evazzjoni tat-taxxa u l-ħasil ta' flus bis-saħħa ta' skambju awtomatiku ta' informazzjoni fuq skala dinjija dwar kwisjonijiet relatati mat-taxxa u tal-ħolqien ta' lista sewda globali komuni tar-rifugi fiskali;
- (at) iniedi pjan globali għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi, bil-għan li jiġi evitat tixrid ulterjuri ta' superbatterji reżistenti;

Tibdil fil-klima

- (au) jiżgura li l-UE tibqa' fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u tkompli tikkoopera ulterjorment man-NU f'dan il-qasam; jiżgura l-implimentazzjoni rapida tad-deċiżjonijiet meħudin waqt il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima tal-2015 f'Pariġi;

L-UE u r-riforma tas-sistema tan-NU

- (av) isostni riforma komprensiva tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-bażi ta' kunsens wiesa', bil-għan li r-realtà dinjija l-ġdida tkun riflessa aħjar u li jiġi żgurat li l-Kunsill ikun kapaċi jitratta b'mod effikaċi t-theddid għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali; jaħdem favur l-għan fit-tul li l-UE jkollha siġġu f'Kunsill tas-Sigurtà tan-NU riformat; iħeġġeġ lill-membri tal-Kunsill tas-Sigurtà jastjenu milli jirrikorru għad-dritt ta' veto tagħhom f'każijiet li fihom ikunu qegħdin jiġu kommissi delitti kontra l-umanità;
- (aw) jippromwovi r-rivitalizzazzjoni tal-ħidma tal-Assemblea Ġenerali, u l-koordinament u l-koerenza mtejbja tal-azzjoni tal-istituzzjonijiet kollha tan-NU, li

għandha ssaħħa l-effiċjenza, l-effikaċja, il-leġittimità, it-trasparenza, ir-responsabilità, il-kapaċità u r-rappreżentattività tas-sistema; jappoġġa u jibni fuq aktar trasparenza fil-proċess tal-għażla tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li jmiss, bil-preżentazzjonijiet tal-kandidati li jsiru fi ħdan l-Assemblea Ġenerali; matul l-għażla u l-ħatra tal-aħjar kandidat, jipromwovi opportunitajiet indaqs u ġusti bbażati fuq bilanċ tal-ġeneru u ġeografiku u jsostni l-għażla ta' mara bħala s-Segretarju Ġenerali li jmiss jekk il-kandidati jkollhom kwalifiki straordinarji simili;

- (ax) jiżgura li, fid-dawl tar-rapport tal-2015 tan-NU u tal-akkużi reċenti ta' vjolenza sesswali fuq it-tfal kontra t-truppi Franċiżi u tan-NU fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, in-NU, l-Istati Membri tal-UE u l-organi tal-PSDK tal-UE jinvestigaw, iħarrku u jikkundannaw, mingħajr dewmien u bil-mod l-aktar qawwi possibbli, kwalunkwe membru tal-persunal tan-NU u ta' organizzazzjonijiet nazzjonali jew Ewropej li kkommetta atti ta' vjolenza sesswali;
 - (ay) jistieden lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri ssaħħa il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet ta' sorveljanza rispettivi tas-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti, partikolarment l-Uffiċċju tas-Servizzi ta' Sorveljanza Interna (OIOS), il-Kumitat Konsultattiv Indipendenti għall-Awditjar (IAAC) u l-Kumitat tal-Awditjar (BoA), bil-għan li tiżied it-trasparenza u l-fehim reċiproku fil-qasam tal-finanzjament u tal-funzjonament;
 - (az) jistabbilixxi sistema effiċjenti ta' protezzjoni tal-informaturi tan-NU;
 - (ba) iħejji kodiċi ta' kondotta vinkolanti li jobbliga lid-detenturi ta' kariga jżommu l-imparzjalità, kif stabbilit mil-linji gwida tan-NU għal medjazzjoni effikaċi, fid-dawl tal-każ reċenti ta' kunflitt ta' interessi tar-Rappreżentant Speċjali tan-NU fil-Libja;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Kummissjoni u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

2.12.2015

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDEZZJONI LILL-KUNSILL B8-1374/2015

skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-71 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti

Andrey Kovatchev
f'isem il-Grupp PPE

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-71 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2015 dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-70 Assemblea Ġenerali tan-NU,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tat-2 ta' April 2014 dwar id-69 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti¹,
 - wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2015 dwar ir-rwol tal-UE fin-NU - kif jistgħu jintlaħqu aħjar l-oġettivi tal-UE fil-qasam tal-politika barranija²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 134(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-impenn tal-UE favur multilateraliżmu effikaċi, bin-NU fil-qalba tiegħu, huwa parti integrali mill-politika esterna tal-UE u għandu l-għeruq tiegħu fil-konvinzjoni li sistema multilaterali bbażata fuq regoli u valuri universali hija l-aktar adatta biex jiġu indirizzati kriżijiet, sfidi u theddid globali;
- B. billi l-UE – bħala l-ewlenija fid-dinja fost id-donaturi lill-baġit tan-NU u waħda mill-kontributori l-aktar attivi fl-abbozzar tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u l-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli – hija impenjata li tmexxi lil din l-aġenda 'l quddiem, kemm fl-UE kif ukoll permezz tal-politiki esterni tal-UE, billi tappoġġa l-isforzi ta' implimentazzjoni fpajjiżi oħra, b'mod partikolari dawk li l-aktar jinsabu fil-bżonn;
- C. billi l-ambjent ta' sigurtà tal-UE kulma jmur qiegħed isir dejjem aktar instabbli u volatili minħabba l-għadd kbir ta' sfidi ta' sigurtà li ilhom jeżistu jew li qed jitfaċċaw ġodda;
- D. billi l-UE hija favur elezzjonijiet aktar trasparenti, demokratiċi, u effikaċi fis-sistema tan-NU kollha kemm hi;

¹ Testi adottati, P7_TA(2014)0259.

² Testi adottati, P8_TA(2015)0403.

1. Jindirizza dawn ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill:

Il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NU fit-tiswir ta' strateġiji ġodda ta' sigurtà, iż-żamma tal-paċi u l-ġestjoni tal-kriżijiet

- (a) itenni li, fid-dawl tal-kunflitti vjolenti li jinsabu fuq l-għatba tal-UE, l-esponiment dejjem akbar tal-Ewropa għall-gwerra ibrida, iċ-ċiberterroriżmu, il-"għellieda barranin", il-mewġiet mingħajr preċedent ta' migranti u d-distinzjoni m'ajpra bejn it-theddidiet esterni u interni, il-panorama tas-sigurtà fl-Ewropa kulma jmur qiegħda tagħmel aktar diffiċli l-azzjoni ta' pajjiż jew reġjun wieħed waħdu; f'dan ir-rigward, (i) irawwem l-idea li l-kooperazzjoni Ewropea tad-difiża u tal-intelligence m'għadhiex sempliċement għażla politika iżda neċessità strateġika u ekonomika, u (ii) isahha il-kooperazzjoni man-NU fl-oqsma tal-paċi u s-sigurtà, it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, il-kunflitti reġjonali, il-fallimenti ta' stati u l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva;
- (b) jeżamina l-prospetti ġodda possibbli għall-kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE u n-NU fit-tiswir mill-ġdid tal-viżjonijiet strateġiċi tagħhom dwar is-sigurtà, permezz tal-istrateġija ta' sigurtà Ewropea l-ġdida u r-reviżjoni min-naħa tan-NU tal-operazzjonijiet ta' paċi tagħha u tal-arkitettura ta' bini ta' paċi tagħha, rispettivament;
- (c) bil-ħsieb li jforni lin-NU b'għodod aktar effiċjenti kontra l-eskalazzjoni, għandu jappoġġa l-missjonijiet għall-infurzar tal-paċi u għaż-żamma tal-paċi billi jipprovdi, fejn meħtieġ, aktar appoġġ tal-UE (tekniku, finanzjarju, tagħmir jew forzi tal-UE);

Sitwazzjoni fis-Sirja

- (d) itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-pożizzjoni li l-Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante (Daesh), il-Front tal-Jabhat al-Nusra u l-gruppi terroristiċi l-oħra, kif denominati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, kif miftiehem mill-parteċipanti fit-taħditiet ta' Vjenna u approvati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, għandhom jiġu mvinċija;
- (e) (i) jaħdem lejn il-waqfien immedjat tal-vjolenza u l-istabbiliment ta' gvern ta' tranżizzjoni kif miftiehem fit-taħditiet ta' paċi ta' Vjenna, u (ii) jappoġġa l-bidu ta' proċess politiku bejn il-gvern tas-Sirja u l-oppożizzjoni li jwassal għal governanza nonsettarja kredibbli, inklużiva, segwit minn kostituzzjoni ġdida u elezzjonijiet, li għandhom jiġu amministrati taħt is-superviżjoni tan-NU; (iii) jgħin biex fost ir-rappreżentanti tal-komunità tal-intelligence u tal-komunità militari jiġi żviluppat fehim komuni tal-gruppi u l-individwi bil-ħsieb li jiġu identifikati t-terroristi potenzjali, bid-data fil-mira għat-tlestija għal qabel il-bidu tal-proċess politiku taħt l-awspiċċi tan-NU;

Ġlieda kontra t-terroriżmu

- (f) jaħdem mal-Assemblea Ġenerali tan-NU biex jiġi miġġieled it-traffikar tal-bnedmin u jitraxxan ir-reklutaġġ u l-finanzjament għall-gruppi terroristiċi, permezz tal-prevenzjoni u s-soppressjoni tar-reklutaġġ, l-organizzazzjoni, it-tranżitu u t-tagħmir ta' għellieda terroristiċi u tal-finanzjament tal-ivvjaġġar u l-attivitajiet tagħhom;

Kunflitt tal-Lvant Nofsani

- (g) ikompli jagħmel tentattivi multilaterali biex jinstabu soluzzjonijiet għall-kunflitti li għaddejnin bħalissa fil-Lvant Nofsani, b'attenzjoni partikolari fuq il-kunflitt Iżraeljan-Palestinjan, li fihom huma meħtieġa sforzi ta' paċi strutturati u sostanzjali mġedda;

L-Aġenda tal-Iżvilupp ta' wara l-2015 u l-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli

- (h) jikkunsidra li t-tweġġiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) fi ħdan l-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli li għadha kif ġiet adottata joffri lill-UE opportunità li tibdel f'azzjonijiet konkreti l-impenn tagħha għall-iżvilupp sostenibbli, inkluż permezz tal-pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari tal-UE, l-Unjoni ta' Innovazzjoni, l-Unjoni tal-Enerġija u s-Suq Uniku Diġitali u fil-Konferenza ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tinvolvi lid-Direttorati Ġenerali (DG) rilevanti kollha tal-Kummissjoni fl-integrazzjoni tal-Aġenda tal-2030 fir-rieżami li se jsir dalwaqt tal-Istrateġija UE 2020;

Konferenza tan-NU dwar il-Klima tal-2015

- (i) jiżgura li l-UE tibqa' fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u tkompli tikkoopera ulterjorment man-NU f'dan il-qasam; jappoġġa lill-UE u lin-NU fl-intensifikazzjoni tal-isforzi konġunti tagħhom lejn l-iżgurar li, wara li jkun intlaħaq ftehim ambizzjuż u ġuridikament vinkolanti fil-Konferenza ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima 2015, isseħħ l-implimentazzjoni rapida tad-deċiżjonijiet tal-COP21; jiżgura li dan il-ftehim jistabbilixxi miri ċari, ġusti u ambizzjużi għall-pajjiżi kollha, jiddisponi għal rieżamijiet regolari u għal tisħiħ tal-oġġettivi tal-pajjiżi fid-dawl tal-għan ta' "inqas minn 2 °C" u jżomm lill-pajjiżi kollha responsabbli – lejn xulxin u lejn il-pubbliku – biex jilħqu l-oġġettivi tagħhom;

L-UE u r-riforma tas-sistema tan-NU

- (j) jappoġġa b'mod attiv riforma komprensiva tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, u speċjalment tal-Kunsill tas-Sigurtà tagħha, sabiex jissaħħu l-leġittimità, ir-rappreżentanza reġjonali, l-obbligu ta' rendikont u l-effikaċja tagħha; iwettaq ħidma lejn l-għan fit-tul li l-UE jkollha siġġu f'Kunsill tas-Sigurtà tan-NU estiż;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Kummissjoni.

16.3.2016

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-rakkomandazzjoni dwar il-71 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2016/2020(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Paavo Väyrynen

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jindika li hemm bżonn ta' bidla fundamentali sabiex in-NU jiġu mgħammra biex isawru u jmxexxu l-proċess ta' implimentazzjoni tal-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli 2030; jissottolinja l-bżonn li t-tliet aspetti tas-sostenibilità jiġu integrati b'mod aktar effikaċi, kemm fil-livell strateġiku kif ukoll f'dak lokali permezz ta' kooperazzjoni Prattika bejn l-istituzzjonijiet tan-NU;
2. Jilqa' l-ħolqien ta' Forum Politiku ta' Livell Għoli (HLPF) dwar l-iżvilupp sostenibbli; jinsab konvint li l-HLPF jista' jsir il-korp ewlieni għat-teħid tad-deċiżjonijiet biex jiżgura s-segwitu u r-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), biex b'hekk tkun żgurata valutazzjoni koordinata u effikaċi tal-bżonnijiet u tal-adozzjoni tal-pjanijiet direzzjonali u tad-deċiżjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030; jappella għal djalogu regolari bejn il-HLPF u l-Kummissjoni dwar il-progress li sar, b'konformità mal-prinċipji tat-trasparenza u tar-responsabbiltà reċiproka;
3. Jisħaq li hu essenzjali għall-kredibilità u għar-rwol ta' tmexxija tal-UE fix-xena tal-iżvilupp globali, li tiġi ppreżentata pożizzjoni komuni dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 qabel l-HLPF fl-2016; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, toħroġ komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, biżżejjed qabel biex il-Parlament jikkontribwixxi għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill qabel l-HLPF;
4. Jissottolinja l-importanza ta' implimentazzjoni komprensiva u effikaċi tal-Aġenda 2030, inkluż permezz ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet; iħeġġeġ lin-NU jiżguraw li jittieħdu impenji ambizzjużi sabiex jinkisbu l-SDGs u biex jiġi adottat qafas ta' indikaturi b'saħħtu flimkien mal-użu ta' data statistika li timmonitorja l-progress u tiżgura r-responsabilità ta' kulħadd; iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha, kemm dawk żviluppati kif ukoll dawk li qed

jiżviluppaw, biex jieħdu s-sjieda u jistabilixxu oqfsa nazzjonali, inklużi oqfsa finanzjarji integrati nazzjonali biex jintlaħqu s-17-il għan;

5. Jinsisti fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-koerenza politika għall-iżvilupp fi ħdan l-istrutturi ta' ħidma tan-NU sabiex ikun hemm integrazzjoni effikaċi tad-dimensjonijiet kollha tal-iżvilupp sostenibbli;
6. Jirrikonoxxi li ma jistax ikun hemm la żvilupp sostenibbli u lanqas il-qerda tal-faqar mingħajr is-sigurtà, u li l-iżvilupp sostenibbli hu rekwiżit għas-sigurtà, l-istabilità, il-ġustizzja soċjali u d-demokrazija; jikkunsidra li t-tfassil tal-politika fil-livell internazzjonali għandu jirrifletti aħjar din ir-rabta bejn il-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp; jappella lin-NU sabiex jintegraw b'mod sistematiku l-bini tal-kapaċitajiet u tal-governanza tajba fl-istrateġiji tal-iżvilupp fit-tul tagħha;
7. Ifakkar li mhux possibbli jkun hemm żvilupp mingħajr paċi, u lanqas paċi mingħajr żvilupp, u li t-tnejn li huma ma jistgħux iseħħu mingħajr ma jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem; itenni, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-għan l-aktar innovattiv tal-Aġenda 2030 - SDG 16, li jindirizza l-paċi, il-ġustizzja u l-governanza; jemmen li l-implimentazzjoni tal-oġettivi stabbiliti fl-SDG 16 għandhom importanza ewlenija għas-suċċess globali tal-Aġenda 2030;
8. Jevidenzja l-importanza ta' sistema kummerċjali multilaterali, universali, ibbażata fuq ir-regoli, miftuħa, trasparenti, nondiskriminatorja, inklużiva u ekwitabbli, kif ukoll il-bżonn li ċ-Ċiklu ta' Doha għall-Iżvilupp tad-WTO jinġieb fi tmiemu, u jemmen li n-NU jistgħu jisfruttaw il-pożizzjoni unika tagħhom biex jiżguraw li t-taħditiet ikunu ta' suċċess għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;
9. Jilqa' l-appell għal aktar appoġġ għall-ħidma tal-UNHCR fl-implimentazzjoni tal-mandat internazzjonali tagħha għall-protezzjoni tar-rifuġjati.
10. Jilqa' d-deċizzjoni biex tiġi organizzata laqgħa ta' livell għoli fid-19 ta' Settembru 2016 matul il-plenarja tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, biex tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' movimenti qawwija ta' rifuġjati u migranti u jqis li din għandha tiffoka fuq il-kawżi primarji tal-migrazzjoni, b'enfasi fuq il-qerda tal-faqar, fuq l-ugwaljanza soċjali u fuq il-kisba tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istabilità;
11. Iħeġġeġ lill-UE taħdem favur it-tiżiħ tal-kooperazzjoni fiskali internazzjonali, billi tappoġġa l-ħolqien ta' korp fiskali internazzjonali fi ħdan is-sistema tan-NU;
12. Jilqa' l-adozzjoni, min-naħa tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, tar-risoluzzjoni storika Nru 68/304 tad-9 ta' Settembru 2014, li tirrikonoxxi d-dritt sovrani ta' kull Stat li jirristruttura d-dejn sovrani tiegħu, li ma għandux ikun frustrat jew imxekkel minn kwalunkwe miżura li toħroġ minn Stat ieħor u nnota bi tħassib li s-sistema finanzjarja internazzjonali ma għandhiex qafas ġuridiku b'saħħtu għar-ristrutturar ordnat u prevedibbli tad-dejn sovrani u li nediet proċess għall-adozzjoni ta' qafas ġuridiku multilaterali għall-proċessi ta' ristrutturar tad-dejn sovrani; jappella lis-sistema tan-NU tappoġġa dan il-proċess bis-siħ; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipparteċipaw b'mod attiv f'dan il-proċess.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	15.3.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 19 -: 3 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Louis Aliot, Nicolas Bay, Ignazio Corrao, Doru-Claudian Frunzuličă, Nathan Gill, Maria Heubuch, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Linda McAvan, Norbert Neuser, Maurice Ponga, Cristian Dan Preda, Lola Sánchez Caldentey, Elly Schlein, Pedro Silva Pereira, Eleni Theocharous, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Juan Fernando López Aguilar, Louis-Joseph Manscour, Paul Rübig, Jan Zahradil, Joachim Zeller
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Michèle Rivasi, Estefanía Torres Martínez

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	19.4.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 49 -: 11 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Michèle Alliot-Marie, Francisco Assis, Petras Auštrevičius, Amjad Bashir, Goffredo Maria Bettini, Elmar Brok, Klaus Buchner, James Carver, Fabio Massimo Castaldo, Lorenzo Cesa, Aymeric Chauprade, Javier Couso Permuy, Andi Cristea, Mark Demesmaeker, Georgios Epitideios, Anna Elżbieta Fotyga, Eugen Freund, Iveta Grigule, Richard Howitt, Sandra Kalniete, Tunne Kelam, Afzal Khan, Janusz Korwin-Mikke, Andrey Kovatchev, Ilhan Kyuchyuk, Barbara Lochbihler, Ulrike Lunacek, Andrejs Mamikins, Ramona Nicole Mănescu, Javier Nart, Pier Antonio Panzeri, Demetris Papadakis, Ioan Mircea Paşcu, Vincent Peillon, Alojz Peterle, Tonino Picula, Andrej Plenković, Cristian Dan Preda, Sofia Sakorafa, Charles Tannock, László Tőkés, Geoffrey Van Orden, Boris Zala
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Luis de Grandes Pascual, Marielle de Sarnez, Neena Gill, Andrzej Grzyb, András Gyürk, Takis Hadjigeorgiou, Marek Jurek, Javi López, Norica Nicolai, Soraya Post, Jean-Luc Schaffhauser, Helmut Scholz, Traian Ungureanu, Bodil Valero, Janusz Zemke
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Doru-Claudian Frunzuličă, Monika Hohlmeier, Zdzisław Krasnodębski, Marian-Jean Marinescu, Indrek Tarand, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Ivan Štefánek